MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1003/1993/1

***Michelina mart Francis Axisa u l-istess zewgha Francis Axisa bhala kap u amministratur tal-beni tal-komunjoni tal-akkwisti***
***vs***
***Nazzareno Camilleri***

Illum 28 ta’ Frar 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li **ppremettew**: illi l-attrici hi proprjetarja tal-ghalqa maghrufa bhala *‘Tar-Rigla’* fi Triq Michelangelo Sapiano li taghti ghal *bye pass* ‘*Tas-Srina’* limiti Haz Zebbug; illi f’ dawn l-ahhar granet il-konvenut abusivament u minghajr dritt fetah rampa u tefa’ terrapin fl-imsemmija ghalqa; illi b’ dan il-mod il-konvenut qed jikkommetti spoll vjolent; illi l-atturi interpellaw inutilment lill-konvenut biex jirreintegrahom fid-drittijiet kollha taghhom; **talbu** li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

**1.** Tikkundannah sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jghogobha tiffissa din il-Qorti, jghamel dawk ix-xogholijiet necessarji u jnehhi r-rampa u t-terrapin u materjal iehor li tefa' fl-imsemmija ghalqa *'Tar-Rigla'* fi Triq Michelangelo Sapiano, Zebbug u jqieghed fl-istat pristin tieghu u jirreintegra lill-atturi fid-drittijiet kollha taghhom fuq l-istess ghalqa, u

**2.** Illi, jekk jghaddi inutilment it-terminu koncess mill-Qorti, l-atturi jkunu awtorizzati jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha mehtiega a spejjez tal-konvenut taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha opportuni, okkorrendo taht id-driezzjoni u sorvelljanza ta' perit nominand;

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni u *bl-ispejjez* inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-11 ta' Awissu 1993 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccipixxa: illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li kull xoghol li sar, sar fi proprjeta' detenuta mill-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-17 ta' Jannar 1994 fejn gie nominat il-Perit David Pace bhala perit tekniku bl-inkarigu u fakoltajiet indikati fl-istess digriet;

Rat li fit-8 ta' Jannar 2003 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-data tal-lum;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament, u t-trattazzjoni tad-difensur tal-atturi;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-kaz odjern jirrigwarda porzjoni minn territorju akbar mgharuf *'Tar-Rigla'* fi Triq Michelangelo Sapiano li taghti ghal bye pass '*Tas-Srina'* limiti Haz Zebbug. Dan it-territorju konsistenti f' art raba' kien jinhadem bi qbiela minn missier l-attrici u l-konvenut. Sussegwentement meta miet missierhom, ir-raba inqasam bejn l-ahwa Camilleri li kienu nkarigu lil Perit Anthony Borg ghal dan l-iskop. Ir-raba inqassmet bejn l-ahwa u kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut hadu sehemhom.

Wara xi zmien il-konvenut bena giebja fil-porzjon tieghu, u waqt il-kostruzzjoni tal-istess huwa tefa' materjal u terrapin biex juzah bhala rampa. Jidher li parti minn dan il-materjal invada l-porzjon tal-attrici u dina lmentat immedjatament, izda l-mara tal-konvenut kienet qaltilha li r-rampa kienu ghamluha sakemm jlestu l-giebja. L-attrici kkonsentiet *"basta wara jpoggi kollox kif kien" (fol.57).*

Fid-deposizzjoni taghha l-attrici qalet li wara ftit taz-zmien indunat li l-konvenut kien witta t-tumbata li kien hemm u li kien fiha l-posti. Inqala' litigju bejniethom u fi kliem l-attrici *"Hija beda jghidli illi r-rampa kienet f' tieghu u fakkartu illi kont wissejtu biex ma jmissx il-posti" (fol.58)*.

***L-eccezzjoni tal-konvenut***

Illi minn naha tieghu l-konvenut qed isostni li huwa ma invadiex il-porzjoni detenuta mill-attrici, izda li l-materjal kien kollu fuq il-porzjoni detenuta minnu. Fi kliemu *"Il-vaska u rampa qeghdin f' tieghi….. fejn saret ir-rampa kienet fil-pusses tieghi u dejjem uzajtha jien u nahdimha u qatt ma kelli kwistjoni m' ohti" (fol.63-64)*.

***Relazzjoni peritali***

Illi l-perit gudizzjarju fir-relazzjoni tieghu kkonkluda hekk: *" … illi parti zghira mit-terrapien u materjal illi jinsab fuq is-sit jigi fil-fatt gewwa l-art ta' l-attrici "* u spjega li meta l-konvenut kkostruwixxa r-rampa bilfors kellu jifrex il-materjal u jhallih jiehu l-qaghda tieghu meta joqghod, bir-rizultat li il-materjal infirex u parti minnu gie jokkupa l-art tal-attrici. (fol.50).

***Konsiderazzjonijiet guridici***

Illi in vena legali l-Qorti tosserva li l-azzjoni in disamina hija bazata fuq id-dispost tal-artikolu 535 tal-Kap 16 li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li ghandu bhala elementi kostituttivi tieghu tlett fatturi: **il-pussess *(possidesse),* l-att spoljattiv *(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qbael ma giet intavolata l-azzjoni *(infra bimestre deduxissesse).* Illi rigward rigward l-element tal-pussess gie ritenut li *"All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione **un possesso qualunque o detenzione** .."(Camilleri v Agius PA.20/10/1882) u "neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto"(Vol.X-556)(Vol.LXXXIII.II.76; XXXVII.I.28; LXXXII.II.49).* Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche momentaneju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza *(Vol.LXXXIII.II.79).*

***Konsiderazzjonijiet fattwali***

Fil-kaz in disamina, l-element in diskussjoni huwa proprju l-ewwel element, dak tal-pussess. Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qed isostni li *"kull xoghol li sar"* sar fi *"proprjeta' detenuta"* minnu. Fi kliem iehor qed isostni li l-attrici ma kellhiex il-pussess tal-porzjoni kopert mit-terrapin. In propositu l-Qorti tosserva li l-provi juru l-kuntrarju. Il-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu wasal ghall-kostatazzjoni, wara li kejjel fuq il-post, li parti mill-materjal fil-fatt invada l-porzjoni li kienet assenjata lill-attrici. Inoltre, meta l-attrici ndunat b' dak li kien gara hija immedjatament ilmentat mal-konvenut u ma martu u accettat biss li titollera l-materjal fuq l-bicca taghha sakemm huha l-konvenut ilesti l-vaska. Meta hija indunat li l-konvenut kien witta t-tumbata li kien hemm bejn il-porzjonijiet taghhom u li mill-posti li kien hemm fiha baqghu tnejn biss, hija oggezzjonat u ghamlet il-kawza odjerna.

Illi mill-kumpless tal-provi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-element tal-pussess da parti tal-attrici jinsab provat

sufficjentement, kif jinsab ukoll provat bl-istess mod l-att spoljattiv da parti tal-konvenut; u li l-eccezzjoni tal-konvenut fil-fatt tinsab infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Ghalhekk l-atturi ghandhom jigu reintegrati fil-pussess taghhom: *Spoliatus ante ominis restituendum.*

***Decide***

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddecidi din il-kawza billi, previa li tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-atturi u tipprefiggi terminu ta' tlett xhur sabiex l-konvenut jghamel x-xogholijiet necessarji sabiex jirripristina l-posizzjoni tal-atturi u jnehhi r-rampa, terrapin u materjal iehor li tefa' fil-porzjoni taghhom tal-ghalqa *Tar-Rigla* gewwa Haz Zebbug u jirrentegra lill-istess atturi fid-drittijiet kollha taghhom fuq l-istess ghalqa; u, jekk il-konvenut jonqos li jghamel dan fit-terminu fuq indikat, l-atturi huma awtorizzati li jghamlu dawk ix-xogholijiet kollha mehtiega a spejjez tal-istess konvenut taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit David Pace nominat ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------